BCGL
ADVOCATES

56 Melita Street Valletta VLT 12 Malta

info@bcgladvocates.com
www.bcgladvocates.com

L-Onor. Anglu Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Valletta

21 ta' Novembru 2018

Onorevoli

Issir referenza ghal dak rapportat fil-media illi fl-20 ta' Novembru 2018 inghata 'ruling' minnek fuq talba tal-Onor. Glenn Bedingfield illi l-klijenti tieghi "theshiftnews.com" ghandhom jikkoregu zewg brani fil-post imtella' minnhom intitolat "Disinformation Watch #26: Toxic tactics on 17 Black". Il-klijenti tieghi rcevew ir-'ruling' dalghodu permezz ta' email.

Il-klijenti tieghi jissottmettu kif gej.

**Fl-ewwel lok**, u b'kull dovut rispett, il-klijenti tieghi huma tal-fehma illi r-'ruling', kemm processwalment kif ukoll fis-sustanza tieghu, jikser id-dritt fondamentali taghhom ghal smiegh xieraq.

Dan peress illi, mil-lat processwali, ma gewx mitluba jaghtu l-pozizzjoni taghhom dwar dak asserit mill-Onor. Bedingfield. Fil-fatt, lanqas ma kienu gew avzati formalment illi saret talba ghal 'ruling'.

Mil-lat sostanzjali, r-'ruling' ma jaghtix sfond komplet tal-kwistjoni peress illi dak li kien stqarr l-Onor. Bedingfield fir-rigward tal-Onor. Azzopardi ma giex indikat (u lanqas fejn qalu) u ghalhekk il-qarrej normali ma ghandu ebda bazi fuqhiex jahgmel gudizzju.

L-anqas ma jidher car illi dak li qal l-Onor. Bedingfield (li wassal ghall-asserzjoni li hu vvinta xi haga dwar l-Onor. Azzopardi) kien qalu biss fil-Kamra. Minn dak li ndagaw il-klijenti tieghi, l-Onor. Bedingfield ghamel intervent fil-Kamra fejn stqarr illi anke hu kellu xi dubbji dwar dak li qal l-Onor. Azzopardi ("jekk fhimtu sew") pero' irrepeta tali sentimenti barra mill-Kamra permezz ta' Twitter u Facebook, liema fatt, kif ukoll it-tenur kollu tad-diskors tal-Onor. Bedingfield, jaghti bazi gustifikanti ghall-kummenti u analizi tal-klijenti tieghi.

Incidentalment, hi l-fehma tal-klijenti tieghi illi semplicement illi jsir rapport jew kumment fil-media dwar dak li jghidu membri tal-Kamra ma jistax jikkostitwixxi allegat ksur ta' privilegg semplicement b'rizultat ta' dan l-istatus. Kieku dan kien il-kaz, l-Onorevoli Membri jkunu elevati aktar mic-cittadini li huma eletti biex iservu, li zgur mhijiex tezi accettabbli f'socjeta' demokratika.

Peter Caruana Galizia
LL.D.
Tel: +356 2123 6211
Fax: +356 2124 5349
Mob: +356 9942 3156
petercg@bcgladvocates.com

Andrew Borg-Cardona
LL.D. M.A. (Business Law)
Tel: +356 2124 0432
Fax: +356 2124 5349
Mob: +356 9949 2786
andrewbc@bcgladvocates.com

Peter Borg Costanzi
LL.D. Dip. Can. (Matr.)
Tel: +356 2123 8004
Fax: +356 2124 8319
Mob: +356 9947 0097
peterbc@bcgladvocates.com

Claudine Zarb
B.A. LL.D. Dip. Can. (Matr.)
Tel: +356 2122 6545
Fax: +356 2124 5349
Mob: +356 9946 5265
cldzarb@bcgladvocates.com

BCGL
ADVOCATES

**Fit-tieni lok,** liema argument kien isir kieku l-klijenti tieghi nghataw smiegh xieraq skond in-normi ta' kif process li jinvolvi gudizzju ghandu jsir, dak li gie miktub jikkostitwixxi kumment validu fil-kuntest ta' dak kollu li qed jigri fil-pajjiz.

L-isfond tal-invokazzjoni tal-privileggi parlamentati ghandu jkun "a wilful or reckless publication of a false or perverted report of a debate" u mhux kummentarju twil illi fit-totalita' tieghu juri illi l-motivazzjoni tal-kittieb mhijiex wahda malinna izda wahda li tipprova zomm 'accountable' kull min hu fil-poter jew li jsostni lil min hu fil-poter.

Illi jsiru kummenti u li jinkitbu kummentarji u analizi hu d-dmir tal-gurnalisti u b'kull dovut rispett, ir-'ruling', anke skond il-linji gwidi tas-Sedja stess, kellu ikun immirat biex jaghti interpretazzjoni li ma jassumix mottivi hziena izda li jiehu in konsiderazzjoni dak kollu indikat hawn fuq.

**Fit-tielet lok,** jekk l-Onor. Bedingfield hass illi gie 'mis-represented' jew mod iehor kellu xi dritt tieghu lez, kellu kull opportunita' illi jaghmel uzu mill-mezzi li ghandu kull cittadin fil-kuntest tal-ligi dwar il-media, liema 'course of action' incidentalment, kien jaghti opportunita' biex il-klijenti tieghi jiddefendu l-pozizzjoni taghhom, kif qed jaghmlu hawn pero' bl-izvantagg li d-decizjoni ga ttiehdet, kif l-Onor. Bedingfield stess ma zammx lura milli jippublika minuti wara li nghata r-'ruling'.

**Fir-raba' lok,** il-klijenti tieghu lanqas ma jaraw kif ghandhom 'jikkoregu' l-brani li ssir referenza ghalihom fir-'ruling', peress illi l-istess 'ruling' ma jindika xejn ghajr illi ghandu jkun hemm korrezzjoni. Fl-ipotezi illi l-klijenti tieghi, tenut kont ta' dak ga sottomess, jigu obbligati jaghmlu korrezzjoni, ma jhossux illi ghandhom ikun pretizi li jaqtghu x'ghandha f'mohha s-sedja.

Fid-dawl ta' dan kollu, u ntenni illi dan kollu qed jigi sottomess bid-dovut rispett lejn is-Sedja u ukoll lejn id-doveri tal-media f'socjeta' demokratika, l-klijenti tieghi ma jhossux illi jistghu jaghtu effett ghar-'ruling'.

Ghodddni tieghek

Andrew Borg-Cardona

kopja: klijenti